MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

**8 LEĠISLATURA**

## Laqgħa Numru 103

**It-Tnejn, 22 ta' April, 2019**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-7.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Jonathan Brimmer | Viċi Sindku |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Mangani | Kunsillier |
| Is-Sur Darren Carabott | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace Anastasi | Kunsillier |
| Is-Sa Elizabeth Vella | Kunsillier |

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 103.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**103.1.1** Is-Sindku nforma li s-Sur Horace Anastasi u s-Sa Elizabeth Vella kienu indisposti. F'dan ir-rigward is-Sur Anastasi u s-Sa Vella ġew skużati skont l-Ordni Permanenti 14 A (3).

## 103.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-100 laqgħa.

**103.2** Il-minuti tal-101 laqgħa li saret fil-11 ta' Marzu, 2019 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

## 103.2.1 Korrezzjonijiet

Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-Minuti 101.

## 103.3 Punti mqajma mill-minuti

**103.3.1 Minuta 101.5.2 -** IS-Sindku nforma lill-membri li l-Awtorita' tad-Djar approvat il-manutenzjoni ta' erba' (4) blokok tal-gvern ġewwa l-lokalita' ta' Santa Venera. L-appartmenti residenzjali li ser jibbenefikaw minn din l-iskema huma ż-żewġ Blokok ta' Triq it-Turretta, Blokk 'B' tal-Palazzl-Aħmar u Blokk 'H' li tagħmel parti minn Triq Patri Ġustin Sant. B'hekk l-allokazzjoni żdiedet b'EUR 6,000 oħra.

**103.3.2 Minuta 101.5.3 –** Is-Sindku informa lill-membri li l-Mobile Dental Clinic visit f' Santa Venera kienet ta' suċċess fejn ir-residenti marru għall-vista tas-snien.

**103.3.3 Minuta 101.5.5 -** Is-Sindku informa lill-membri li l-attivita' dwar *Healthy Living* fil-komunita' kellha tiġi posposta għal data oħra li ghad trid tiġi stabbilita.

**103.3.4 Minuta 101.5.6 –** Is-Sindku informa lill-membri li *defilbrillator* inxtara fejn il-Kunsill Loakli issa ser jagħmel MOU mal-Kumitat li jieħu ħsieb il-grawnd. Wara diskussjoni ġie deċiż sabiex isir l-iffirmar tal-MOU.

**103.3.5 Minuta 101.9 –** Punti mqajma mill-ilmenti:-

| | |
|---|---|
| 638 | Jindikaw ezatt fejn trid issir din il-lampa |
| 134 | Isiru il-U Bars |
| 138 | Jiġi rivedut il-kas sabiex niżguraw li ma jintilifx parkeġġ |
| 188 | It-Triq issir aktar il-quddiem |

**103.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku ma kellu l-ebda kommunikazzjoni matul din il-laqgħa.

## 103.5 *Rapporti/Korrispondenza*

**103.5.1** Is-Sindku informa lill-Membri li l-Kunsill irċieva talba għal approvazzjoni mingħand is-Sur Kevin Zammit sabiex iħawwel sigar madwar Santa Venera. Is-Sindku informa lill-membri li il-Contract Manager ghamel rapport fuq it-tħawwil ta' siġar li kienu diga saru mis-Sur Zammit qabel saret din it-talba. Wara diskussjoni kien deċiż sabiex issir laqgħa mas-Sur Zammit fil-preżenza tal-Contracts Manager u l-Kuntrattur.

Il-membri qablu unanimament

**103.5.2** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva wkoll mingħand is-Sur Christian Micallef sabiex fejn il-mużew tal-bniet fi Triq Kardinal Sciberras iħawwel hu stess tlett siġar. Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda sabiex din issir mill-Kunsill ġaladarba ikun lest l-asfaltar tal-istess triq.

Il-membri qablu unanimament

**103.5.3** Is-Sindku poġġa fuq il-mejda għall-attenzjoni tal-membri il-pjanti tal-Monument taċ-Ċentinarju li ser issir fi Triq il-Kbira Sant Ġużepp. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż sabiex il-pjanti jibqgħu hekk kif ġew preżentati.

Il-membri qablu unanimament

**103.5.4** Is-Sindku poġġa fuq il-mejda għall-attenzjoni tal-membri il-pjanti tal-latrina pubblika li ser issir fi ġnien Romeo Romano. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż sabiex il-pjanti jibqgħu hekk kif ġew preżentati

Il-membri qablu unanimament

**103.5.5** Is-Sindku informa lill-membri dwar Cirkulari SPI7/2019 fejn għal dan il-għan id-Direttorat għall-Gvern Lokali jembarka fuq inizjattiva ta' finanzjament għal sistemi ġodda ta' irrigazzjoni fil-komunitajiet tagħna biex jgħin fit-tisbieħ tal-ambjent tagħhom. Dan ukoll sabiex jitkattru aktar l-ispazji miftuħa u nikkontribwixxu għall-arja aktar safja għallbenefiċċju u l-benesseri taċ-ċittadini. L-installazzjoni ta' sistema ta' irrigazzjoni ttejjeb b'mod sinifikanti t-tkabbir tal-pjanti, arbuxelli u fjuri. Dawn jikbru aktar malajr u iktar ekoloġiċi peress li jkunu mogħtija ammonti iżgħar ta' ilma fuq perjodu itwal. Wara diskussjoni il-membri iddeċidew sabiex il-Kunsill japplika sabiex din is-sistema issir fi Ġnien Romeo Romano.

Il-membri qablu unanimament

**103.5.6** Is-Sindku qal li l-Kunsill waslet korrispondenza sabiex inkunu parti mill-iskema għall-anzjani ma' Heritage Malta. L-iskema ser topera b' dan il-mod:

- L-anzjan jippreżenta l-karta tal-identita' fil-Kunsill Lokali
- Staff tal-Kunsill jużaw online form offruta minn Heritage biex jirreġistraw lill-anzjan għal Passaport Kulturali
- L-Anzjan jirċievi l-Passaport bil-posta flimkien ma' leaflet bl-informazzjoni kollha sa 10 ijiem wara li tiddaħħal l-applikazzjoni

- L-Anzjani ser ikunu jistgħu jużaw il-passaport biex iżuru siti storiċi b' xejn akkumpjanjati ma' żewġ żgħażagħ (din ma tapplikax għal-dħul fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni
- Il-Passaport irrid jiġi preżentat fis-sit u ttimbrat kull darba li anzjan iżur xi sit storiku
- Ma kull 8 żjarat jingħata premju lill-anzjan
- Meta jimtela' l-passaport jew jintilef, l-anzjan jerġa' jżur il-Kunsill Lokali jew Heritage Malta biex jerġa' joħroġ passaport ġdid.

F' Kunsilli Lokali fejn hemm Day Care Centres tista' tinġabar lista bin-numri tal-Karti tal-Identita' tal-anzjani u tgħaddi lil Heritage Malta biex tkun tista' tiġi pproċessata minn Heritage.

Il-membri qablu unanimament li l-Kunsill jidħol f'din l-iskema

**103.5.7** Is-Sindku nforma lill-membri dwar talba li l-Kunsill irċieva minghand Dar Hanin Samaritan fejn minħabba li din id-dar qed issib diffikulta meta jkun hemm bżonn ta' ambulanza biex jieħdu xi resident l-isptar jew biex jinħatt xi xoghol għal użu tal-istess dar li isir matul il-ġimgħa kollha. Ħafna drabi ma jsibux parking u jkollhom jieqfu f'nofs ta' triq b' inkonvenjenza għal ġirien u għal min ikun qed jistenna bil-karrozza. Wara diskussjoni ġie suġġerit li quddiem id-dar issir *Alighting / Boarding bay* mis-7.00am sas-02.00pm

Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament fuq din it-talba.

**103.5.8** Is-Sindku informa lill-membri dwar Cirkulari SPI/06/2019 dwar il-promozzjoni tal-ħajja sana u l-benessere taċ-ċittadin. Il-Kunsilli Lokali/Kumitati Reġjonali sa mill-bidu ta' twaqqif tagħhom kellhom rwol attiv fil-qasam soċjali fejn dil-ħidma ħalliet impatt ferm pozittiv fuq il-ħajja taċ-ċittadini. Inizjattiva li qed terġa' titniedi marbuta ma dan l-irwol hija l-programm Għaqal id-Dar - Ħajja Aħjar. Din l-inizjattiva qed tiġi mnedija mid-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' Policy, taħt il-awspiċju tal-Ministeru tal-Ġustizzja, il-Kultura u Gvern Lokali b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-tfal u Solidarjeta' Soċjali. Dan il-programm qed jiġi koordinat minn professjonisti minn diversi oqsma tal-ħajja biex jgħinu liċ-ċittadin isaħħaħ l-għerf, il-valuri u l-ħiliet fl-immaniġġjar tar-riżorsi personali, kif ukoll jikseb aktar għarfien tad-drittijiet u l-obbligi tiegħu bħala ċittadin lejn il-komunita'.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizzjattiva.

## 103.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 103.6.1 Traffic Management Triq San Ġorġ

Traffic management ta' Triq San Ġorg ġie deċiż li dan l-item għandu jiġi diskuss minn Kunsill Lokali ġdid.

**103.6.2 Tender Bulky Refuse**

Din it-Tender skada u l-kuntrattur ma jixtieqx iġedded il-Kuntratt eżistenti u għaldaqstant trid tinħareġ it-tender.

Il-membri qablu unanimament

**103.6.3 Sports Day**

Wara diskussjoni ġie deċiż bejn il-membri sabiex l-isports day issir is-Sibt 11 ta' Mejju filgħodu u parti minnha tkun dedikata lil Gejtu Briffa li kien attiv ukoll fin-Nursery.

Il-membri qablu unanimament

**103.6.4 Ingaġġ ta Skrivan Skala 15**

Is-Sindku nforma lill-membri li minħabba l-fatt li wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill fix-xhur li ġejjin ser jispiċċa bil-pensjoni wasal iż-żmien sabiex jiskatta l-proċess sabiex ikun ingaġġat skrivan/a għal skala 15.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament

**103.6.4 Tifkira lil Kunsilliera**

Is-Sindku nforma lill-membri sabiex tinghata tifkira lill-Kunsilliera kollha li hadmu fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera matrul l-aħħar 25 sena. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż sabiex din issir f'Jum Santa Venera.

## 103.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati minuti jew rapporti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

## 103.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimamen

Il-membri qablu unanimament

## 103.9 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 122 sa 191.

| | |
|---|---|
| 198 | Isiru aktar 'l quddiem |
| 201 | Bħalissa l-iskema hija sospiża minn Transport Malta |

| | |
|---|---|
| 203 | Ma tistax issir għax jintilef parking |
| 204 | Ħaddiema Assenjati |
| 209 | Ħaddiema assenjati |
| 224 | Transport Malta |
| 226 | Dikjarazzjoni mill-familja li ser issir sleeping police quddiem ir-residenza tagħhom. |
| 227 | Sanita / Pulizija |
| 229 | Contracts Manager |
| 236 | Transport Malta |
| 240 | 1. Isir dog bin<br>2. Ma jistax isir<br>3. Isir dog bin |
| 243 | Nitolbu il-permessi |
| 244 | Contracts Manager |
| 246 | Perit |
| 250 | Isir aktar l'quddiem b'possibilta arranġament ma tat-TATA |
| 257 | Transport Malta |
| 259 | Ninfurmaw lill-kuntrattur |
| 264 | Irid iġibilna konferma li qed jintuża bħala garaxx |
| 268 | Trid issir bye law |
| 269 | Contracts Manager |
| 274 | Ħaddiema Assenjati |
| 275 | Contracts Manager |
| 276 | Ħaddiema Assenjati |
| 279 | WO – nordnaw Cigarette bin |
| 280 | Transport Malta |
| 281 | Stickers - dawn iridu jigu ordnati |
| 286 | Ġardinar |
| 287 | Ġardinar |
| 288 | Nibgħatu ittra |
| 290 | Contracts Manager |
| 291 | Perit |
| 292 | 1. Ma tistax issir<br>2. Contracts Manager<br>3. Sospiza minn Transport Malta |
| 295 | Ippjanata li ssir |
| 296 | Bħal ilment 257 |

## 103.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-9.15 pm u ġiet aġġornata għa1-20 ta' Mejju, 2019, fil-7.00pm

Konfermati, illum 20 t' April, 2019

IFFIRMATI

Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATI

Michael Mifsud
DeputatSegretarju Eżekuttiv